Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XV tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kap. 188.

ACT No. XV of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Maltese Citizenship Act, Cap. 188.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

3 ta' April, 2020

ATT Nru XV tal-2020

ATT biex jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kap. 188.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati mlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 188.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għad-dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "imwieled Malta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "imwieled Malta:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-persuna msemmija fil-proviso preċedenti, li tipprova li hija dixxendenti fil-linja diretta ta' xi axxendent imwieled Malta minn ġenitur ukoll imwieled Malta, għandha tkun intitolata, wara li tagħmel applikazzjoni skont kif jista' jiġi preskritt u wara li tkun ħadet il-ġurament ta' lealtà, li tiġi rreġistrata bħala ċittadina ta' Malta. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (7) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ";

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Ħadd ma għandu jiġi rreġistrat taħt dan l-artikolu ħlief jekk il-Ministru jkun sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku.".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

3. L- artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "l-artikolu 44(4)(b)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-artikolu 44(4)(a) jew (b)"; u

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu, għandu jigi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fid-data tal-applikazzjoni u fid-data tar-reġistrazzjoni, dik il-persuna għadha miżżewġa lil ċittadin ta' Malta u għadha tgħix miegħu u fid-data tal-applikazzjoni kienet ilha hekk miżżewġa u tgħix ma' dak iċ-ċittadin mill-anqas għal ħames snin:

Iżda f'każ ta' armel jew armla ta' individwu li kien ċittadin ta' Malta, dak iċ-ċittadin kien fil-mument tal-mewt tiegħu ilu miżżeweġ lil dik il-persuna u jgħix miegħu jew magħha mill-anqas għal ħames snin u kien għadu jgħix miegħu jew magħha fil-mument tal-mewt tiegħu, jew li, fid-data tal-applikazzjoni, ħlief għall-mewt tiegħu, kien ikun ilu miżżeweġ lil dik il-persuna għal ħames snin u kien fid-data tal-mewt tiegħu qed jgħix ma' dik il-persuna u kien ilu hekk jgħix minn meta żżewġu.".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tielet proviso tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "għal xi ċittadinanza oħra." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal xi ċittadinanza oħra:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll jekk il-persuna msemmija fit-tieni proviso, ma tkunx saret ċittadina ta' Malta iżda tipprova li hija dixxendenti fil-linja diretta ta' axxendent li twieled Malta minn ġenitur ukoll imwieled Malta, dik il-persuna għandha tkun intitolata, wara li tagħmel applikazzjoni skont kif jista' jiġi preskritt u wara li tkun ħadet il-ġurament ta' lealtà, li tigi rreġistrata bħala ċittadina ta' Malta. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (8)

għandhom japplikaw *mutatis mutandis*,";

(b) minnufih wara s-subartikolu (7) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Ħadd m'għandu jiġi reġistrat taħt dan l-artikolu ħlief jekk il-Ministru jkun sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza ma jmurx kontra l-interess pubbliku.".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

5. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fid-data tal-applikazzjoni u fid-data tar-reġistrazzjoni, dik il-persuna għadha miżżewġa lil ċittadin ta' Malta u għadha tgħix miegħu u fid-data tal-applikazzjoni kienet ilha hekk miżżewġa u tgħix ma' dak iċ-ċittadin mill-anqas għal ħames snin:

Iżda f'każ ta' armel jew armla ta' individwu li kien ċittadin ta' Malta, dak iċ-ċittadin kien fil-mument tal-mewt tiegħu ilu miżżeweġ lil dik il-persuna u jgħix miegħu jew magħha mill-anqas għal ħames snin u kien għadu jgħix miegħu jew magħha fil-mument tal-mewt tiegħu, jew li, fid-data tal-applikazzjoni, ħlief għall-mewt tiegħu, kien ikun ilu miżżeweġ lil dik il-persuna għal ħames snin u kien fid-data tal-mewt tiegħu qed jgħix ma' dik il-persuna u kien ilu hekk jgħix minn meta żżewġu.".

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

6. Is-subartikolu (5) tal-artikolu 10 tal-Att principali għandu jigi sostitwit b'dan li ġej:

"(5) Sakemm dan l-Att ma jipprovdix xort'oħra, u fil-każijiet kollha msemmija f'dan l-artikolu, persuna m'għandhiex tingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadina ta' Malta dment u sakemm ma tkunx ħadet il-ġurament ta' lealtà bil-mod speċifikat fl-Iskeda ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

7. Fl-artikolu 12 tal-Att prinċipali, il-kliem "skont l-artikolu 4 jew 6" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

8. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-Ministru m'għandux iċaħħad persuna miċ-ċittadinanza taħt dan l-artikolu, sakemm ma jkunx sodisfatt li jekk dik il-persuna tibqa' ċittadina ta' Malta, dan ma jmurx kontra l-interess pubbliku, u fil-każ imsemmi fis-subartikolu

(2)(ċ), ikun jidhirlu li dik il-persuna, konsegwentement, ma tkunx ser tispiċċa apolidi u fil-każ biss tas-subartikolu 2(d), jekk matul il-perjodu inkwistjoni, irriżulta li l-imġiba tagħha hija ta' preġudizzju serju għall-interessi vitali ta' Malta jew jirriżulta li hija ta' theddida għas-sigurtà pubblika jew ordni pubbliku.".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

9. Fl-artikolu 16 tal-Att prinċipali, il-kliem "kull mara" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kull persuna".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Referenza għal termini.";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "għall-omm ta' dik il-persuna;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-omm ta' dik il-persuna:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull referenza għal missier ta' persuna mwielda wara l-1 ta' Jannar 2005 għandha tinftiehem bħala referenza għall-ġenitur ta' dik il-persuna;" u

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "għaxar snin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tmintax-il sena".

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att principali.

11. L-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jigi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Dan l-Att m'għandux japplika fir-rigward ta' kwalunkwe applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala ċittadin ta' Malta magħmula skont l-artikoli 4 u 6, li tkun ġiet preżentata qabel il-15 ta' Awwissu, 1999:

Iżda r-reġistrazzjoni bħala ċittadin ta' Malta magħmula skont l-artikoli 4 u 6, qabel il-promulgazzjoni tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, m'għandha bl-ebda mod tiġi affetwata bid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att."; u

Att Nru XV tal-2020.

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu kif sostitwit, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-kisba taċ-ċittadinanza Maltija permezz tar-reġistrazzjoni skont l-artikoli 3 u 5, qabel il-promulgazzjoni tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, m'għandhiex tiġi affetwata mill-artikoli 3(7) u 5(8) promulgati permezz tal-imsemmi l-Att.".

Att Nru XV tal-2020.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 316 tat-30 ta' Marzu, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati